KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 395 (8-23)

It-Tnejn 3 t'Awwissu 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**395.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit.

Is-Sindku talab li tinqaleb l-ordni tal-aġenda.

**395.5** **Public Consultation – 'Draft Rural Policy and design Guidance'**

Is-Sindku stieden lil Perit tal-Kunsill jagħmel preżentazzjoni tar-rapport preparat minnu rigward is-suġġett. Il-Perit ta spjegazzjoni dettaljata tar-rapport.

Il-Kunsillier Julian Borg preżenta rapport preparat minnu. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Julian Borg jgħaddi l-punti tiegħu lill-perit tal-Kunsill biex jiġu inklużi f'rapport wieħed, liema rapport jiġi preżentat f'laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika bil-preżenza tal-perit. Is-Sindku propona li l-laqgħa ssir l-Erbgħa 12 t'Awwissu 2020 fis-6.00pm. Il-Kunsill unanimament qabel.

Is-Sindku talab li titkompla l-aġenda skond l-ordni.

**395.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**395.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 392. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**395.2.2** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 393 (b'urġenza). Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsilliera Francine Farrugia issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**395.2.3** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 394 (b'urġenza). Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Adrian Farrugia issekonda.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**395.2.4** 392.3.2 Il-Kunsillier Julian Borg wera l-prejokkupazzjoni tiegħu li l-Kunsill jitlef l-awtonomija fuq tenders jekk dawn jibdew jinħarġu mill-Kunsill Reġjonali. Huwa qal li l-offerti għandhom jibqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill mill-bidu sal-aħħar bħala prinċipju. Huwa qal li l-kwistjoni li tittieħed deċiżjoni bħal din b'komunikazzjoni b'email mhix korretta iżda każ bħal dan għandu jiġi diskuss f'seduta.

**395.2.5** Is-Sindku ta spjegazzjoni wara diskussjoni ta' kjarifika mar-Reġjun dwar id-diversi mistoqsijiet u dubji li tqajmu f'seduti preċedenti. Huwa qal li sab din is-sitwazzjoni malli ħa l-kariga ta' Sindku u ma kienx fadal ċans biex tilħaq issir Seduta peress li -deadline għal konferma kienet definittiva u anka peress li minn naħa tar-reġjun kienu diġa bagħtu risposta bil-kjarifiki li talab il-Kunsill. Huwa qal li t-tender diġa ġie ppublikat fuq is-sistema tal-epps u l-Kunsill tas-Siġġiewi mhux inkluż f'din is-sejħa. Għaldaqstant, peress li l-Kunsill Reġjonali infurmana li jista' jkun hemm possibilita' li

l-Kunsill jiġi inkluż fil-fażi ta' evalwazzjoni bħala addizjoni, is-Sindku talab votazzjoni fl-eventwalita' li jkun hemm din il-possibilta'.

Votazzjoni:
Favur 4 (Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia)
Kontra 2: Il-Kunsilliera Julian Borg u Francine Farrugia

**395.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**395.3.1** Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera tad-disponibbilta' tagħhom fil-laqgħat li kellu individwalment f'din l-ewwel ġimgħa tiegħu fil-kariga. Huwa qal li l-iskop fit-tibdil tar-responsabiltajiet huwa li jkun hemm rotazzjoni tax-xogħol u kulħadd ikun ħadem fid-diversi ambjenti.

**395.3.2** Is-Sindku semma l-preżentazzjoni ta' pagamenti lill-Għaqdiet tal-Football u tal-Basketball li saret iktar kmienu skond ftehim iffirmat fis-snin preċedenti. Huwa qal li l-Kunsill għandu jinkoraġixxi lill-għaqdiet għal inizjattivi sportivi u jipromwovi ħajja iktar attiva. Huwa qal li tressqu xi proposti għal titjib fiż-żona u propona li jkun hemm laqgħat magħhom biex jiddiskuti aħjar il-bżonnijiet.

**395.3.3** Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu msejħa għal laqgħa mal-Perit tal-proġett PA02911/16, fejn xtaq jippreżenta l-pjanti emendati. Is-Sindku propona li dawn il-pjanti jiġu preżentati lill-Kunsill u għalhekk tintalab kopja tagħhom. Il-Kunsillier Julian Borg qal li r-residenti għandhom jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq dan il-proġett u għalhekk għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din il-laqgħa, u ġiet proposta data l-Erbgħa 12 t'Awwissu fil-5.00pm.

**395.3.4** Is-Sindku informa li l-proposta biex Triq Ta' Karlozzu tiġi one-way ġiet approvata minn TM.

**395.3.5** Rigward il-proposta ta' arranġament tat-traffiku fi Triq it-Tabib Nikola Zammit u l-inħawi, is-Sindku infurma li TM qed jitolbu arranġament alternattiv għal rotta tat-trasport 109 li ser tiġi milquta f'żona partikolari. Il-Kunsill qabel li din għandha ssegwi l-istess rotta ta' rotti oħrajn, anka peress li f'dik il-biċċa m'hemmx bus-stops.

**395.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**395.6 Triq Annabelle Vassallo – Proposal**

Is-Sindku preżenta l-proposta minn TM u propona konsulenza mar-residenzi kemm ta' dik it-triq u anka tat-toroq biswit. Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li flimkien mal-kunsillier Julian Borg bħala Kumitat tat-Traffiku, diġa iltaqgħu mar-residenti u jirriżulta li dawn ma jaqblux ma' tali żvilupp fuq diversi punti, u li huma setgħu jifhmu ir-raġuni tagħhom. Huwa kompla jgħid li filwaqt li l-flow tat-traffiku ser titjieb jekk tinfetaħ it-triq, din ser taffetwa negattivament lir-residenti kemm peress li jintilef il-parkeġġ kollu, anka jinħolqu problemi oħra fosthom fis-sistema tal-ġbir tal-ilma (*water catchment*) ta' ġiebja eżistenti u tidjieq it-triq fejn taqbad mal-wied. Il-kunsillier Julian Borg qal li dawn il-punti partikolari għandhom jiġu diskussi mal-TM qabel il-Kunsill jiddeċiedi jekk hux vjabbli jsir il-proġett jew le.

**395.7** **Tenders**

**395.7.1** LCS20/20 – *Tender for the Refurbishment of a Running Track at outdoor Gym at triq Mons. F.X. Mangion*
Is-Sindku informa li l-offerta ingħatat lil Sandro Caruana peress li kienet l-iktar waħda vantaġġjuża.

**395.7.2** LCS7/2020 – *Tender for the recontruction and Restoration of Rubble Walls (Miżura 4.4)*
Is-Sindku informa li l-offerta ingħatat lil ESON peress li kienet l-iktar waħda vantaġġjuża.

**395.7.3** Is-Sindku infurma li t-tender LCS72/18 Planting of Public Spaces qiegħed fil-proċess tal-evalwazzjoni, filwaqt li t-tender għal ftuħ u tindif tal-lattrini qiegħed fil-proċess biex jiġi ppublikat.

**395.8** **Dikasteri – Tibdil fir-responsabiltajiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku qal li kien iltaqa' mal-Kunsilliera kollha individwalment fejn iddiskuta' r-responsabbiltajiet ġodda kif proposti. Huwa qal li x-xogħol tal-Kunsill għandu jibqa' għaddej b'kontinwita', b'sinerġija u koperazzjoni bejn il-Kunsilliera. Huwa qal li l-iskop li jkun hemm tibdil fir-responsabiltajiet huwa biex kull kunsillier ikollu l-possibilta' li jaħdem fl-ambjenti kollha għal ġid tal-lokalita'. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-almu tagħhom f'dan ir-rigward.

Ir-responsabiltajiet proposti mis-Sindku huma hekk:

Dominic Grech (Sindku)
- Finanzi
- Fondi Ewropej
- Rapprezentant tal-Kunsill fil-Kunsill Reġjonali

Rodianne Haber (Viċi-Sindku)
- Proġetti
- Iż-Żgħażagħ u t-tfal (Kunsill Lokali Tfal u z-Żgħażagħ)
- Il-Ħarsien tal-Annimali
- Anzjani

Kurstein Sant (Kunsillier)
- L-Ambjent Urban
- Sport u Attivitajiet Fiżiċi
- Kultura u Patrimonju Storiku
- Turiżmu

Adrian Farrugia (Kunsillier)
- Indafa u immaniġjar tal-iskart
- Infrastruttura, Immaniġjar tat-Traffiku u Sigurta' Lokali
- Rappreżentant GAL Majjistral

Alessia Psaila Zammit (Minority Leader)
- Qasam Soċjali
- Komunitajiet
- Integrazzjoni Soċjali

Julian Borg (Kunsillier)
- Ambjent Rurali;
- Innovazzjoni;

- Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar
- Għar Lapsi u Ħarsien tal-Widien Siġġiwin

Francine Farrugia (Kunsillier)
- Edukazzjoni;
- Persuni b'Diżabilita'
- Aċċessibilta' u Ugwaljanza

Minħabba li s-settur tal-ambjent fis-Siġġiewi, (bit-tielet l-ikbar area f'żona rurali) huwa vast ħafna u jorbot miegħu ħafna responsabbilta', dan ġie maqsum fi tnejn, ambjent rurali u ambjent urban, biex b'hekk jaqa' taħt ir-responsabbilta' ta' żewġ Kunsilliera.

Il-Kunsilliera unanimament aċċettaw l-inkarigi proposti lilhom mis-Sindku.

**395.9** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**395.10** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**395.11** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**395.12** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**395.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**395.12.2** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar il-pagament lil Maltapost għal tqassim tal-ittra tas-Sindku. Is-Sindku qal li kien ħejja ittra ta' introduzzjoni bħala Sindku lir-residenti kollha. Il-Kunsillier Julian Borg talab li din l-ittra tkun ċirkolata lill-Kunsilliera.

**395.12.3** Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**395.13** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**395.13.1** Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li hemm bozza maqtugħa quddiem numru 66 Triq il-Kbira.

**395.13.2** Il-Viċi Sindku talbet li jinqata' l-ħaxix ħażin 'il ġewwa mill-Madonna tal-Girgenti.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia infurma li hemm mera parabolika mkissra quddiem il-BOV fi Triq San Ġakbu.

**395.13.3** Il-Kunsillier Farrugia qal li hemm bżonn ninfurmaw lill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart biex it-trakkijiet jinżammu nodfa, speċjalment minħabba s-sitwazzjoni ta' bħalissa għandna ngħafsu iktar fuq iġiene.

**395.13.4** Il-Kunsillier Farrugia semma wkoll il-problema ta' rimi ta' skart illegali ħdejn ir-roundabout tal-Kappella tal-Providenza. Huwa talab li jkun hemm iktar infurzar.

**395.13.5** Il-Kunsillier Julian Borg talab li jitwaħħlu sinjali li jindikaw li t-triq tidjieq fit-triq Tax-Xurraf.

**395.13.6** Huwa talab li jinqata l-ħaxix fi Triq Salvu Borg Olivier.

**395.13.7** Il-Kunsillier Adrian Farrugia talab li tinżabar siġra fi Triq it-Tabib Nikola Zammit li qed taħbat mal-wires tad-dawl.

**395.13.8** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa rigward il-lattrina ta' Għar Lapsi u x'jonqos biex din tinfetaħ. Is-Sindku wieġeb li għad jonqos l-installazzjoni tal-metres tad-dawl u l-ilma.

**395.13.9** Il-Kunsillier Borg talab lista ta' dawk li ġew assenjati ammont ta' konkos għat-toroq tal-bdiewa fl-2019 u li għadhom ma ħaduħx. Huwa saqsa wkoll jekk kienx hemm indikat data sa meta jittieħed.

**395.13.10** Il-Kunsillier Julian Borg qal li ġie infurmat minn residenti ta' Triq Patri Ġużè' Delia li dan l-aħħar kien hemm spezzjonijiet fit-triq minn uffiċjali ta' IM u skond informazzjoni din it-triq ser tinfetaħ. Huwa saqsa jekk il-Kunsill hux infurmat b'dan u jekk hemmx xi data stipulata li dan ix-xogħol sa jsir. Is-Sindku qal li ma kellu l-ebda informazzjoni dwar dan.

**395.13.11** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet li tinżeba linja ta' karreġġjata fil-liwja minn Triq Dun Manwel Zammit għal Triq papa Pawlu VI peress li ħafna qed jitilgħu *wrong side* u joħolqu periklu.

**395.13.12** Il-kunsilliera Farrugia infurmat li hemm il-kaxxa tad-dawl mal-kamra tad-dawl ta' Ramija miftuħa.

**395.13.13** Hija qalet li wara tiswija ta' ħsarat mill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma sar xogħol ħażin ta' kisi tat-triq fi Triq l-Andar u talbet li l-korporazzjoni tkun infurmata biex tirranġa.

**395.13.14** Il-Kunsillier Adrian Farrugia ġibed l-attenzjoni rigward nuqqas ta' Pulizija fl-għassa tas-Siġġiewi u anka f'Għar Lapsi. Huwa propona biex tinġibed l-attenzjoni tas-Supretendent dwar dan.

**395.13.15** Il-Kunsillier Julian Borg, f'isem il-*minority team*, irringrazzja lill-Kunsillier Kurstein Sant fil-ħidma tiegħu fil-kariga ta' Sindku, tax-xogħol kollu li għamel u l-kollaborazzjoni tiegħu speċjalment fil-kumitat tat-traffiku.

**395.13.16** Il-Kunsillier Borg awgura l-ħidma t-tajba lis-Sindku Dominic Grech fil-kariga l-ġdida tiegħu. Huwa appella biex ikun hemm ħidma u kollaborazzjoni flimkien għal ġid tal-lokal u tar-residenti Siġġiwin kollha.

**395.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 31t'Awissu 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 31t'Awissu 2020

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |